# GĦANJA TA' MĦABBA

LIL MARTI

Fil-moħba ta' ħsiebi,
Fis-sikta ta' qalbi,
Inħoss għanja ħelwa
Timlieni bil-ferħ,

Dik l-għanja, kif xtaqtha,
Ħanina w sabiħa;
Dik l-għanja li tfawwar
Il-benna tas-serħ

Fittixtha dik l-għanja
Fid-dawl tar-rebbiegħa,
Xħin kollox kien abjad,
Xħin kollox kien ġmiel.

Fittixtha fil-ħajja
Li tlebleb tal-kwiekeb,
Għax, għidt, dawn ma ġarrbu
La mrar u la xkiel.

Sejħuli ġol-ġnejna
Il-ward, qtajja' qtajja',
Stħajjilthom qed jibku
Xħin rawni ħosbien:

Qtar ħelu ta' nida
Kien jilma fuq ġbinhom,
Ix-xemx kienet timraħ
Bid-dawl kullimkien.

Minn bejta moħbija
Fix-xuxa ta' siġra,
Smajt ħelwa imma mnikkta
Il-għanja t'għasfur;

Għidt f'qalbi: Dan bħali!
Tħassartu xħin rajtu
Jittajjar waħdieni
U jiġri u jdur.

Fittixtha, fittixtha,
Mis-sebħ l-aktar bikri
Sa xħin rajt jinfirex
Id-dlam qawwi w sfiq;

Intfajt niġri waħdi,
Bla jies u bla tama,
Bħal wieħed bla ħajja
Mitluf f'nofs it-triq.

Ħaddimt l-egħruq kollha
Ta' ħsiebi w ta' qalbi,
Stennejt iż-żmien jgħaddi
Bis-sabar ta' Ġobb.

Fil-għors u fil-frugħa,
Fil-ġenn u fil-bluha,
Jien ħsibt li se nsibha
Dik l-għanja li nħobb.

Fittixtha, fittixtha,
Fejn qalbi ħebritni:
Ġo knisja dħalt nitlob
Lil Alla Mulej:

F'għajnejh qrajt l-imħabba,
F'għajnejh qrajt il-ħniena,
U tlabt Hu jmexxini
Fiż-żmien illi ġej.

Xħin ħriġt, ħassejt ħsiebi
Jissaffa min-niket,
Hekk kif f'daqqa s-sema
Jissaffa mis-sħab;

Ħassejtni nimtela
Bil-qawwa tat-tama:
Kull diqa, kull niket
Bħar-riħ għadda w għab.

Fil-moħba ta' ħsiebi,
Fis-sikta' ta' qalbi,
Inħoss għanja ħelwa
Timlieni bil-ferħ,

Dik l-għanja, kif xtaqtha,
Ħanina w sabiħa,
Dik l-għanja li tfawwar
Il-henna tas-serħ.

Fittixtha, fittixtha,
U għandek biss sibtha,
Merfugħa ġo qalbek,
U b'xejn ma tidhiel,

Ja tfajla ta' mħabbti,
Ja xbejba ħanina,
Ja mara ta' ħajti,
Din l-għanja ta' ġmiel.

Għajnejk suwed fissru
Il-ħeġġa ta' mħabba
Li taf biss il-hena,
Ma tafx ħlief il-ġid;

Xuftejk f'rogħda ħelwa
Tennew b'kelma rżina
Fil-mixja tal-ħajja
Biex nimxu id f'id.

Fittixtha, fittixtha,
Fl-iljieli tal-qamar,
Fil-berah u l-wisa',
Fid-dawl ta' bin-nhar,

Qalb mirja fejn jidhru
Nies bienja jiżżiefnu
W jixxenglu, bla jqisu
Li l-ħin kien ġa sar.

Fil-moħba ta' ħsiebi,
Fis-sikta ta' qalbi,
Jien għandi din l-għanja
Li nħoss biss għalik,

Il-għanja ta' mħabba
Li int laqqamt fija:
Il-ferħ minnek nafu,
Il-hena biss fik...

Ġużè Chetcuti

1/7/42